# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 415/2014

Seduta tal-20 ta' Marzu 2019

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Bezzina et**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Matthew Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 459194 M akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-23 ta' Marzu 2014 għal ħabta tas-02.00hrs ġewwa l-istabiliment "Havana" li jinsab fi Triq San Ġorġ, Belfiore, Triq il-Minfaħ, Naxxar.

1) Ħebb għal Keith Dimech u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika Dr. A. Baldacchino MD ref. No. 2180.

2) U aktar talli ħebb kontra Keith Dimech sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2014 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Matthew Bezzina hati tat-tieni mputazzjoni u minnha illiberatu; iżda sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena tal-multa fis-somma ta' sebgħin (€70) Euro.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Matthew Bezzina, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha inkwantu ma sabitux ħati tat-tieni akkuża, tħassarha inkwantu sabitu ħati tal-ewwel akkuża u minnha tilliberaħ u allura minn kull piena u mputazzjoni. L-esponent minn issa qegħed jirriserva li jressaq dawk il-provi u xhieda opportuni fi stadju ta' appell.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ventilat mill-appellant idur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta jishaq illi huwa agredixxa lill-parti leza ghaliex gie ipprovokat. Jibda biex jingħad illi bħala prassi u fid-dawl tal-ġurisprudenza din il-Qorti ma tiddisturbax l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti.[1] Madankollu, din il-Qorti trid necessarjament tghaddi sabiex taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-verżjonijiet ta` naha u ta` ohra bil-ghan li jigi determinat liema miz-zewg verzjonijiet dwar il-fatti hija l-aktar kredibbli u verosimili u dan fid-dawl tal-aggravju li ressaq l-appellant. Illi din il-Qorti kellha

[1] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

x-xorti tisma' mill-gdid dawn il-verzjonijiet billi dawk moghtija mill-Ewwel Qorti ma gewx irregistrati u traskritti.

> **"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.[2]"**

Issa huwa indubitat mill-provi li hemm fl-atti illi l-appellant hebb ghal parti leza u xejjirlu daqqa ta' ponn meta dan ta'l-ahhar kien qed ighid xi kliem dispreggjativ fil-konfront ta' ohtu u allegatament imbuttah. L-appellant dehrlu li kellu iwiegeb ghal dan l-atteggjament bil-vjolenza meta kien evidenti illi l-parti leza ma kienx ikkonfronta lill-appellant bl-ebda mod u kien biss beda ighid xi diskors mhux xieraq fuq tfajla li wara irrizultalu li kienet oht l-appellant. Illi ghalkemm l-appellant u x-xhieda minnu imressqa jikkontendu illi kien l-parti leza li l-ewwel imbotta lill-appellant, madanakollu din il-Qorti qajla temmen din il-verzjoni iktar u iktar meta ix-xhud Luca Pullicino meta l-ewwel mistoqsi minn min xejjer l-ewwel daqqa, iwiegeb li kien l-appellant, izda imbaghad biss fuq insistenza ta' mistoqsijiet mill-avukat difensur tal-appellant isemmi l-fatt li kien l-parti leza li l-ewwel li imbotta lil Bezzina. Anke l-appellant stess in kontro-ezami ighid illi huwa xejjer daqqa ta' ponn lil parti leza ghax "haraqni"!

Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjinevolment tasal ghal konkluzjoni minnha milhuqa illi l-appellant kien unikament responsabbli ghal offiza ta' natura hafifa ikkagjunata fuq il-persuna ta' Keith Dimech u li ma jistax iqajjem favur tieghu l-iskuzanti tal-provokazzjoni fit-termini ta'l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex kif ighid il-Professur Sir Anthony Mamo, il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu.

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994

Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv u cioe` persuna b` temperament ordinarju. Il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza :-

> "Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"* (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).[3]"

Ghalhekk hemm zewg elementi li fuqhom hija fondata l-iskuzanti. Fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ngusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli. Fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi dan maghdud fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultax illi bniedem ta' temperament ordinarju iwiegeb ghal semplici diskors oggezzjonabbli ghalih bil-vjolenza, iktar u iktar meta l-parti leza ma uza l-ebda vjolenza fil-konfront tieghu. Illi kif ighid l-appellant *ex admissis,* huwa irritalja bil-vjolenza semplicement ghaliex bi kliemu u bl-atteggjament tieghu l-parti leza "haraqni." Reazzjoni certament mhux mistennija minn ebda bniedem ta' temperament ordinarju.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef

[3] Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela